ĦAŻ-ŻABBAR
Citta` Hompesch

22 AUG 2024

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħaż-Żabbar

## ID-DISA' LEĠISLATURA

**Laqgħa Numru 601**

**L-Erbgħa 17 ta' Lulju, 2024**

Il-Kunsill Lokali Ħaż-Żabbar iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Ċentru Ċiviku, Triq iċ-Ċawsli, Ħaż-Żabbar, fil-6.10 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Jorge Grech - Kunsillier
Marc Vella Bonnici - Kunsillier
Mark Grech – Kunsillier
Joseph Buttigieg - Kunsillier
Anna Calleja – Kunsilliera
Martina Baldacchino - Kunsilliera
Leone Sciberras - Kunsillier
Toshera Schembri - Kunsilliera
Carlo Scicluna - Kunsillier
Joseph Agius – Kunsillier
Patrick Barbara – Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI**

Ma kien hemm ħadd assenti.

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Stephanie Testaferrata de Noto – Segretarju Eżekuttiv

**MINUTI**

Is-Sindku ppresieda l-laqgħa.

**601.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

601.1.1 Ma kien hemm ħadd assenti.

**601.2 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-minuti**

601.2.1 Il-minuti tas-600 laqgħa ġew unanimament approvati fuq proposta tas-Sur Leone Sciberras li ġiet issekondata mis-Sinjura Anna Calleja.

**601.3 Responsabbiltajiet assenjati lill-Kunsillieri**

601.3.1 Is-Sindku ppropona lista ta' responsabbiltajiet għal kull membru tal-Kunsill kif ġej:

**Is-Sindku - Is-Sur Jorge Grech**
L-Innovazzjoni
L-Infrastruttura
Proġetti u Fondi
Ħarsien tal-Annimali

**Il-Viċi Sindku – Is-Sur Marc Vella Bonnici**
Sports u Attivitajiet Fiżiċi

**Is-Sur Mark Grech**
L-Edukazzjoni

**Is-Sur Joseph Buttigieg**
Is-Saħħa

**Is-Sinjura Anna Calleja**
Iż-Żgħażagħ u Tfal
Il-Familji

**Is-Sinjorina Martina Baldachino**
L-Ambjent

**Is-Sinjorina Toshera Schembri**
Komunitajiet (St Peter)

**Is-Sur Leone Sciberras**
Inklużjoni Soċjali

**Is-Sur Carlo Scicluna**
Kultura

**Is-Sur Joseph Agius**
L-Anzjani

**Il-Kaptan Patrick Barbara**
L-Indafa

601.3.2 Is-Sur Carlo Scicluna ssekonda l-proposta tas-Sindku u l-Kunsill qabel unanimament.

**601.4 Komunikazzjoni mis-Sindku**

601.4.1 Is-Sindku qal li l-Kunsill kien irċieva diversi talbiet ta' reklamar fil-pubblikazzjonijiet li jiġu stampati fil-jiem tal-festa tal-Madonna tal-Grazzja. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sinjura Anna Calleja, il-Kunsill qabel unanimament li jippubblika reklam f'Leħen is-Santwarju Festa 2024 għall-prezz ta' €150, reklam fil-pubblikazzjoni annwali tal-festa maħruġ mill-Għaqda Madonna tal-Grazzja Banda San Mikiel għall-prezz ta' €150, reklam fil-pubblikazzjoni annwali tal-festa maħruġ mis-Soċjetà Filarmonica Maria Mater Gratiæ għall-prezz ta' €150, kif ukoll reklam ta' paġna sħiħa bil-kulur fil-pubblikazzjoni Storja u Kultura f'Ħaż-Żabbar għall-prezz ta' €100.

601.4.2 Is-Sindku rrefera għall-korrispondenza mibgħuta mill-Għaqda Madonna tal-Grazzja Banda San Mikiel sabiex bil-kollaborazzjoni tal-Kunsill, nhar il-Ħadd 25 t'Awwissu, 2024 tiġi organizzata l-ġirja Zabbar *5K*. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Agius, il-Kunsill qabel unanimament li jorganizza l-ġirja *5K* flimkien mal-Għaqda Madonna tal-Grazzja Banda San Mikiel, liema spiża m'għandhiex teċċedi l-ammont ta' €3,000 VAT inkluż. Is-Sur Leone Sciberras staqsa jekk it-talba inkwistjoni kinitx għal donazzjoni. Is-Sindku ċċara li ma kinitx donazzjoni iżda pjuttost talba għal kollaborazzjoni. Is-Sindku kompla jelabora li l-attività se ssir b'kollaborazzjoni mal-Għaqda Madonna tal-Grazzja Banda San Mikiel. Is-Sur Joseph Agius qal illi dawn l-attivitajiet ikunu inlużi fil-*budget* tal-Kunsill.

601.4.3 Is-Segretarju Eżekuttiv irreferiet għall-korrispondenza mibgħuta mill-Assoċjazzjoni tal-Gvern Lokali dwar iċ-ċirkolari numru 2023/105 dwar il-polza tal-assigurazzjoni tas-saħħa għall-2024. Is-Segretarju Eżekuttiv staqsiet lill-membri ġodda eletti jekk għandhomx assigurazzjoni tas-saħħa u jekk xtaqux jiġu nklużi f'din il-*policy*. Il-membri l-ġodda stqarrew li m'għandhomx skema ta' saħħa u esprimew ix-xewqa tagħhom li jiġu nklużi f'din il-*policy*. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Agius, il-Kunsill qabel unanimament li jinkludi lill-membri l-ġodda fil-polza tal-assigurazzjoni.

601.4.4 Is-Sindku tkellem dwar ir-relazzjonijiet internazzjonali li l-Kunsill għandu u ppropona sabiex għall-festa tal-Madonna tal-Grazzja jiġu mistiedna żewġ rappreżentanti mill-Kunsill ta' Eschborn u mill-Kunsill tal-Portugal. Is-Sindku nforma lill-membri preżenti li matul ix-xahar ta' Mejju, il-Kunsill kien ġie mistieden għal Eschenfest f'Eschborn, u f'Ġunju għall-festa ta' San Pedro f'Povoa de Varzim fil-Portugal. Is-Sindku spjega li permezz tal-ġemellaġġi saru diversi skambji, fosthom il-parteċipazzjoni ta' ċiklisti f'tiġrijiet internazzjonali u wirjiet ta' fotografija f'Eschborn il-Ġermanja. Artisti lokali pparteċipaw f'kompetizzjoni f'Povoa de Varzim. Ġew organizzati Kampjijiet Internazzjonali għaż-żgħażagħ permezz ta' Fondi Ewropej. Is-Sur Leone Sciberras staqsa jekk il-Kunsill jorganizzax programm għad-delegazzjoni li tkun qed iżżur Ħaż-Żabbar matul il-ġranet tal-festa. Is-Sindku wieġeb fil-pożittiv. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sinjura Anna Calleja, il-Kunsill qabel unanimament li għall-festa

tal-Madonna tal-Grazzja jiġu mistiedna żewġ rappreżentanti mill-Kunsill ta' Eschborn u żewġ rappreżentanti mill-Kunsill ta' Povoa de Varzim.

601.4.5 Is-Sindku nforma lill-membri preżenti, li matul l-aħħar snin il-Kunsill organizza sessjonijiet tal-*Junior Science Club*. Is-Sindku rrefera għat-talba mibgħuta mill-*Junior Science Club* sabiex matul is-sena skolastika li jmiss il-Kunsill jerġa' jorganizza l-lezzjonijiet tax-xjenza. Is-Sindku spjega li fil-passat dawn il-lezzjonijiet kienu jsiru fis-Sala tal-Kunsill, iżda minħabba li l-art tas-sala kienet tal-*parquet*, il-klassijiet ġew rilokati fil-Kulleġġ Santa Margerita. Madankollu, ġie rrapurtat inċident li jinvolvi allegat ħsara f'akkwarju fejn mietu xi ħut u s-surmast irrifjuta li jkompli joffri l-lezzjonijiet fil-bini tal-iskola. Konsegwentament, il-Kunsill kellu jikri s-sala fiċ-Ċentru ta' Sant' Andrija għall-aħħar żewġ lezzjonijiet. L-ammont mitlub għall-kiri tas-sala kien jaqbeż l-ammont ibbaġitjat mill-Kunsill. Is-Sindku ssuġġerixxa li l-Kunsill jerġa' joffri l-lezzjonijiet tax-xjenza u qal li s-Surmast tal-Kulleġġ Santa Margerita kien inbidel u għaldaqstant kien ser jiddiskuti mas-surmast il-ġdid dwar l-użu b'xejn tal-bini tal-iskola. Is-Sindku żied jgħid li f'każ li s-surmast jirrifjuta li joffri l-lezzjonijiet fl-iskola, kien ser ikellem lill-arċipriet sabiex jinnegozja prezz raġonevoli u l-lezzjonijiet jiġu organizzati fis-Sala Ragħaj it-Tajjeb. Is-Segretarju Eżekuttiv enfasizzat li l-kiri tas-sala għal dawn il-lezzjonijiet ma kienx inkluż fil-baġit tal-Kunsill u spjegat li din l-ispiża għandha titnaqqas minn attivitajiet oħra. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sinjura Anna Calleja, il-Kunsill qabel unanimament li jorganizza l-lezzjonijiet tax-xjenza bil-kollaborazzjoni tal-*Junior Science Club.*

601.4.6 Is-Sindku rrefera għall-korrispondenza mibgħuta mill-Assoċjazzjoni Maltija tal-Istudenti tas-Saħħa (MHSA) dwar proposta sabiex isiru *Health checks* fil-bini tal-Kunsill Lokali. L-MHSA talbet l-użu ta' kamra aċċessibbli b'*aircondition*, mejda, siġġijiet, u ilma għall-parteċipanti. Is-Sindku kkonferma li l-Kunsill kien se joffri s-sala tal-Kunsill għal din l-attività. Is-Sur Joseph Buttigieg qal li ma kienx jaf b'din il-proposta u bħala Kunsillier responsabbli mid-Dekasteru tas-Saħħa, talab aktar dettalji dwar din l-inizjattiva.

601.4.7 Is-Sindku tkellem dwar ix-xogħlijiet li kienu għaddejin mill-Kunsill u qal li x-xogħlijiet ta' tisbiħ tal-latrina li hemm fi Triq iċ-Ċawsli kien għaddej ġmielu.

601.4.8 Fis-6.30 ta' filgħaxija s-Sur Mark Grech daħal għal-laqgħa.

601.4.9 Is-Sur Joseph Agius staqsa dwar ir-responsabbiltà tal-ftuħ u t-tindif tal-latrina wara li spiċċaw ix-xogħlijiet ta' tisbiħ. Is-Sindku qal li l-Kunsill kien iddiskuta l-probabilità li *Clean Malta* jipprovdu *attendants* iżda kien ġie nfurmat li kien hemm sfidi fir-reklutaġġ tal-ħaddiema. Is-Sur Buttigieg staqsa kemm kienet ser tkun l-ispiża f'każ li *Clean Malta* kellha tassumi r-responsabbiltà tal-latrini pubbliċi. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li normalment jintalab il-fond li jkun ġie allokat mill-Gvern Ċentrali. Is-Sur Leone Sciberras staqsa jekk kienx ser ikun hemm aċċessibbiltà għall-persuni b'diżabilità. Is-Sindku wieġeb fil-pożittiv. Is-Sindku żied jgħid li l-Kunsill kien għadu qed jistenna konferma uffiċjali mingħand *Clean Malta* dwar il-provvediment ta' *attendants.* Is-Segretarju Eżekuttiv esprimiet it-tħassib tagħha dwar dan u qalet li l-proċess għas-sejħa tal-offerti jieħu madwar sitt xhur. Is-Sur Joseph Agius staqsa dwar l-immaniġġjar tal-latrina pubblika fi Ġnien

il-Kunsill. Is-Sindku qal illi din kienet miftuħa għall-pubbliku. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ma hemmx *attendant* preżenti matul il-ftuħ tal-latrina ta' Ġnien il-Kunsill.

601.4.10 Is-Sindku tkellem dwar diversi proġetti li kienu qed isiru fil-lokalità fosthom xogħol ta' tisbieħ fil-*Housing Estate* u xogħol ta' titjib fi Ġnien Tamara Psaila. Is-Sindku spjega li kien qed jiġi finalizzat ix-xogħol fuq il-fanal dekorattiv li ser jitwaħħal f'Misraħ tal-Madonna Medjatriċi u qal illi kien għaddej b'komunikazzjoni kontinwa biex jinkisbu żewġ lampi ornamentali addizzjonali. Is-Sindku qal illi kien għaddej b'diskussjonijiet ma' Infrastruttura Malta biex jiġu ffinalizzati s-sinjali tat-toroq u l-marki tal-karreġġjati fuq it-toroq ġodda li ġew asfaltati riċentament. Is-Sur Leone Sciberras staqsa jekk is-Sindku kienx qed jirreferi għad-dawl ta' ħdejn ir-*roundabout* li saret ġdida fid-daħla ta' Ħaż-Żabbar. Is-Sindku ċċara li ż-żona fil-viċinanzi tar-*roundabout* kienet diġa mixgħula u żied jgħid li fid-daħla ta' Ħaż-Żabbar kien ser isir monument tal-Granmastru *Ferdinand Von Hompesch.* Is-Sindku spjega li l-uniku dawl mitfi kien intefa temporanjament minħabba l-*projections* tad-dawl li saru matul l-attività *Beer Fest.* Is-Sur Leone Sciberras informa lill-Kunsill li kien irċieva lment dwar nuqqas ta' dawl li wassal għal inċident. Il-Kaptan Patrick Barbara staqsa meta kien ser jinbeda l-monument. Is-Sindku qal li matul ix-xahar id-dieħel mistenni jitlesta l-abbozz tad-disinn. Is-Sindku nforma lill-membri preżenti li kienu tlestew il-maġġoranza tas-sinjali tat-traffiku fi Triq il-Kbira iżda kien għad jonqos aktar żebgħa xi ssir u twaħħil ta' *railings* ġodda. Is-Sindku nforma lill-membri preżenti li kien ser isir xogħol infrastrutturali relatat max-xogħol ta' *new water* fi Triq il-Foss u fi Triq l-10 ta' Settembru. Is-Sindku żied jgħid li x-xogħol fi Triq il-Kaħwiela kien kważi ffinalizzat u li se jsiru twaħħil ta' *road humps* minħabba sewqan eċċessiv. Is-Sinjura Anna Calleja staqsiet jekk kienx ser isir xogħol infrastrutturali fi Triq Ġanni Bonavia. Is-Sindku wieġeb fil-pożittiv u spjega li bħalissa l-Korporazzjoni Enemalta kienet qed tissostitwixxi l-kejbils tad-dawl. Is-Sinjura Anna Calleja qalet li r-residenti kienu qed jilmentaw minħabba t-trabijiet li hemm fit-triq u talbet li Infrastruttura Malta xxarrab it-triq. Is-Sindku qal illi dan ma kienx possibli li jsir. Is-Sindku qal ukoll li kien hemm xi diffikultajiet minħabba l-ġbir ta' skart f'din it-triq. Dan peress illi t-trakk tal-ġbir tal-iskart ma setax jaċċessa t-triq u konsegwentament il-kuntrattur kien qed juża trakk iżgħar biex jiġbor l-iskart matul il-ħinijiet ta' filgħaxija. Is-Sur Leone Sciberras talab li l-Kunsill jipprovdi lista aġġornata ta' toroq sottomessi lill-Infrastruttura Malta sabiex isiru matul is-snin li ġejjin. Is-Sindku nforma lill-membri preżenti li kellu laqgħa ma' Infrastruttura Malta u mal-Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi l-Onorevoli Christ Bonnet dwar il-proposti u l-modifikazzjoni li ser isir fi Triq tal-Barrani sabiex jittaffa t-traffiku. Is-Sindku qal illi matul din il-laqgħa ġie diskuss l-impatt ta' dawn ix-xogħlijiet fuq ir-residenti Żabbarin. Fuq proposta tas-Sinjura Anna Calleja u ssekondata mis-Sinjorina Toshera Schembri, il-Kunsill qabel unanimament li jibdel iż-żewġ *airconditions* li hemm fis-sala tal-Kunsill. Is-Sindku semma l-ħtieġa li jsir xogħol ta' rinnovazzjoni bħal tibjid u bdil tal-għamara tas-Sala tal-Kunsill kif ukoll ta' uħud mill-uffiċini tal-Kunsill.

**601.5 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti**

601.5.1 Fuq proposta tas-Sur Joseph Agius li ġiet issekondata mill-Kaptan Patrick Barbara, il-Kunsill approva unanimament l-iskeda ta' pagamenti għall-perjodu ta' bejn it-30 ta' Mejju 2024 u s-17 ta' Lulju 2024 li kienet tammonta għal €181,112.71.

601.5.2 Is-Sindku ppropona li flimkien mal-pagamenti mniżżla f'din l-iskeda ta' pagamenti, il-Kunsill japprova wkoll dawn il-pagamenti: l-ammont ta' €30,000 (eskluż il-VAT) lil *S. Spagnol Construction Limited, interim payment,* relatat ma' xogħol ta' tisbiħ fi Triq il-Ward, Triq il-Fraxxnu, Triq il-Ġiżimina u Triq il-Ġilju, l-ammont ta' €4,960 lis-Sur Silvio Desira, l-ammont ta' €5,900 lil *Seyba Aluminum,* u l-ammont ta' €5,793.80 lis-Sur Tyrone Scicluna. Is-Sindku spjega li dawn il-pagamenti tal-aħħar huma relatati ma' xogħol ta' tisbiħ fil-latrina pubblika fi Ġnien il-Kunsill. Is-Sur Joseph Buttigieg staqsa jekk fil-*Housing Estate* kienx inqala' ix-xogħol tal-konkos wara li tlesta. Is-Sindku qal li dan mhux minnu iżda kien sar xogħol minuri minħabba li kien hemm ħsara fil-*cable* tad-dawl tal-Korporazzjoni Enemalta. Il-Kaptan Patrick Barbara staqsa meta kien ser isir ix-xogħol ta' tisbiħ tal-bandi Ġnien Tamara Psaila. Is-Sindku qal illi fil-futur viċin kien ser jinbidel il-*fence* tal-*football pitch.* Is-Sur Carlo Scicluna semma l-ħtieġa li jsir xogħol ta' titjib f'diversi sqaqien fil-*Housing Estate*, fosthom sqaq fi Triq il-Ward u sqaq fi Triq Fikus. Is-Sindku qal illi x-xogħol ta' titjib f'dawn l-isqaqien mistenni jibda fil-futur viċin. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Agius, il-Kunsill qabel unanimament li japprova wkoll il-pagamenti ta' *S. Spagnol Construction Limited,* tas-Sur Silvio Desira, ta' *Seyba Aluminum* u tas-Sur Tyrone Sciluna.

**601.6 Inizjattiva Finanzjarja – Lokalitajiet aktar nodfa SPI/SCI/03/2024**

601.6.1 Is-Sindku rrefera għall-iskema SPI/SCI/03/2024 - Inizjattiva Finanzjarja-Lokalitajiet aktar Nodfa u nforma lill-membri preżenti li l-applikazzjoni se ssir permezz tar-Reġjun Port. Is-Sur Leone Sciberras staqsa jekk il-*clean up* ikunx okkażjoni ta' darba. Is-Sindku wieġeb fl-affermattiv. Is-Sur Leone Sciberras issuġġerixxa li jsir tindif f'Misraħ San Nikola minħabba li r-residenti kienu qed ipoġġu boroż tal-iskart maġenb l-għalqa u konsegwenza ta' hekk kienu qed jitqattgħu l-boroż. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-boroż tal-iskart għandhom jitħallew wara l-bibien. Is-Sur Carlo Scicluna qal li f'xi nħawi r-residenti jew il-kollettur tal-iskart kienu qed igeddsu l-boroż. Is-Sur Mark Grech semma li r-residenti ta' Triq il-Marloċċ kienu qed ipoġġu l-iskart tagħhom fil-kantuniera u b'hekk l-iskart tiegħu ġieli ma ngabarx. Is-Sindku rrakkomanda l-involviment tal-grupp tal-iscouts ta' Ħaż-Żabbar waqt din l-attività, kif kien sar fis-snin ta' qabel. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-membri preżenti li l-Kunsill irid jagħżel postijiet pubbliċi, mhux koperti minn xi kuntratti eżistenti. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mill-Kaptan Patrick Barbara, il-Kunsill qabel unanimament li l-*clean up* issir fl-ispazju miftuħ biswit Triq il-Kunsill tal-Ewropa, Misraħ San Nikola, u spazju miftuħ fi Triq Villabate u li l-applikazzjoni ta' din l-iskema ssir fuq bażi reġjonali.

**601.7 Tismija ta' toroq**

601.7.1 Is-Sindku qal illi l-Kunsill ġie mitlub jagħti isem għal triq ġdida bejn Triq San Anard u Sqaq Fwieni. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Buttigieg, il-Kunsill qabel unanimament li tingħata l-isem Triq l-Isqof Paul Darmanin. Is-Sur Carlo Scicluna rrefera għal Triq Feliċ Zarb u qal illi fl-opinjoni tiegħu, triq żgħira u mhux residenzjali ma kellhiex tissemma għal ex-Sindku. Is-Sindku qal illi din il-kwistjoni ġiet diskussa diversi drabi iżda l-Kunsill ma jistax ireġġa' lura d-deċiżjoni.

601.7.2 Is-Sindku nforma lill-membri preżenti li l-Kunsill ġie mitlub mill-Kumitat għat-Tismija ta' Toroq biex jagħti isem għal trejqa mingħajr isem fi Triq Villabate. Is-Sindku qal illi fil-preżent din it-trejqa hija magħrufa bħala Sqaq id-Demel. Is-Sindku staqsa lill-membri preżenti jekk il-Kunsill għandux jagħti l-isem Sqaq id-Demel jew jagħżilx isem alternattiv. Is-Sur Mark Grech qal illi ma jaqbilx li dan l-isqaq jingħata l-isem Sqaq id-Demel. Is-Sur Leone Sciberras talab li ssir konsultazzjoni mar-residenti. Fuq proposta tas-Sur Mark Grech li ġiet issekondata mis-Sindku, il-Kunsill qabel unanimament li jingħata l-isem Sqaq il-Biedja peress illi hemm ħafna raba' f'din iż-żona.

601.7.3 Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mill-Viċi Sindku, il-Kunsill qabel unanimament li l-Kunsill jiddiskuti l-Item 601.12 - Ittri Legali.

601.7.4 Is-Sindku rrefera għal każ tat-Tribunal Industrijali numru 3638GV u għad-deċiżjoni numru 3004. Is-Segretarju Eżekuttiv iddikkjarat kunflitt ta' interess dwar dan il-każ minħabba li r-rikorrenti kienet tiġi minnha.

601.7.5 Fis-7.08 ta' filgħaxija l-laqgħa ġiet sospiża għal ftit minuti sabiex id-diskussjoni issir fi stadju ta' kumitat.

601.7.6 Fis-7.23 ta' filgħaxija il-laqgħa tkompliet.

601.7.7 Is-Sindku qal illi t-Tribunal Industrijali kien ordna lill-Kunsill sabiex iħallas l-ammont ta' disat elef u ħames mitt Ewro (€9,500) lir-rikorrenti, u dan bħala telf finanzjarji li r-rikorrenti sofriet fil-perjodu li damet barra mill-impjieg, u kif ukoll ir-reintegrazzjoni tar-rikorrenti fl-impjieg mal-Kunsill Lokali, fil-grad ta' Assistant Principal, fi żmien xahar mid-data tad-deċiżjoni. Is-Sindku qal illi l-Kunsill kien talab in-numru tal-kont tal-bank tar-rikorrenti u staqsiha wkoll jekk kellix l-intenzjoni li tirritorna lura l-Kunsill. Is-Sindku spjega li filwaqt li l-Kunsill kien irċieva n-numru tal-IBAN, ir-rikorrenti kienet nfurmat lill-Kunsill li d-deċiżjoni dwar jekk hux ser tirritorna lura l-Kunsill ser tiġi kkomunikata sal-aħħar tax-xahar. Is-Sur Mark Grech qal illi jekk ir-rikorrenti ma tibgħatx risposta sal-aħħar tax-xahar, din għandha titqies daqs li kieku ma kinitx ser tirritorna lura l-Kunsill. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mill-Viċi Sindku, il-Kunsill qabel unanimament li jgħaddi l-pagament kif mitlub mit-tribunal u li jistenna risposta mingħand ir-rikorrenti sal-aħħar ta' Lulju 2024.

**601.8 Ħatra ta' Kumitat ta' Evalwazzjoni tal-Offerti;**

- **Tisbieħ ta'Ġnien il-Mistrieħ (ZLC 3/2024)**

601.8.1 Is-Sindku irrefera għall-Kumitat ta' Evalwazzjoni tal-Offerti – Tisbieħ ta' Ġnien il-Mistrieħ (ZLC 3/2024) u qal li l-Perit Matthew Briffa ma kienx disponibbli biex jibqa' membru fil-bord u ssuġġerixxa li minflok ikun hemm il-Perit Rodney Micallef. Fuq proposta tas-Sinjorina Toshera Schembri li ġiet issekondata mis-Sur Carlo Scicluna, il-Kunsill qabel unanimament li l-Kumitat ta' Evalwazzjoni tal-Offerti tax-xogħol ta' tisbieħ fil-*playing field* Ġnien il-Mistrieħ (ZLC 3/2024) għandu jkun kompost mis-Sindku bħala *Chairperson*, mis-Segretarju Eżekuttiv, mill-Perit Rodney Micallef, mis-Sur Brian Farrugia u mis-Sur Marco Cassar.

601.8.2 Is-Sindku rrefera għad-deċiżjoni li kienet ittieħdet fil-leġislatura preċedenti sabiex is-servizz tal-knis u l-qtugħ ta' ħaxix fil-lokalità isir mill-*Cleansing Department*. Is-Sur Mark Grech qal illi huwa ma kienx jaqbel li dan is-servizz jingħata mill-*Cleansing Department*. Is-Sindku propona li l-Kunsill joħroġ sejħa għall-offerti. Peress illi l-Kunsill kien ser ibiddel id-deċiżjoni tiegħu, is-Segretarju Eżekuttiv qalet li issa ma kienx ser ikun hemm biżżejjed żmien sabiex tinħareġ sejħa għall-offerti minħabba li l-kuntratt għas-servizz ta' knis u qtugħ ta' ħaxix f'toroq urbani ZLC 1/2020R li l-Kunsill għandu mas-Sur Owen Borg, kien ser jiskadi fit-30 ta' Settembru, 2024. Il-Viċi Sindku qal li l-Kunsill għandu jibgħat jitlob il-permess tad-Dipartiment għall-Gvern Lokali sabiex sakemm jintemm il-proċess, jingħata konċessjoni jestendi l-kuntratt li l-Kunsill għandu mas-Sur Owen Borg. Is-Sur Marc Vella Bonnici talab lis-Segretarju Eżekuttiv tiċċirkola kopja tal-kuntratt eżistenti lill-membri tal-Kunsill. Il-Kaptan Patrick Barbara insista li l-kuntrattur m'għandux juża boroż ta' kulur iswed. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li diġa hemm klawsola li tistipula li l-kuntrattur ma jistax juża boroż suwed jew boroż ħodor. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mill-Kaptan Patrick Barbara, il-Kunsill qabel unanimament li minflok juża s-servizz tal-*Cleansing Department* għall-knis u l-qtugħ ta' ħaxix fil-lokalità, tinħareġ sejħa għall-offerti. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mill-Kaptan Patrick Barbara, il-Kunsill qabel unanimament li jitlob l-approvazzjoni tad-Dipartiment għall-Gvern Lokali skond il-linji gwida 3.5, biex il-Kunsill jingħata konċessjoni u jestendi l-kuntratt għas-servizz ta' knis u qtugħ ta' ħaxix f'toroq urbani ZLC 1/2020R li l-Kunsill għandu mas-Sur Owen Borg, sakemm il-proċess tal-offerti jiġi konkluż.

601.8.3 Fis-7.36 il-Viċi Sindku talab li jkun skużat.

601.8.4 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-Kunsill li l-kuntratt ZLC 2/2021 għas-servizz ta' *contracts manager* li l-Kunsill għandu mal-kumpanija *Yama Yami* kien ser jiskadi fit-30 ta' Settembru, 2024 u l-Kunsill irid jiddeċiedi jekk iġedditx jew le dan il-kuntratt. Is-Sindku qal illi huwa ma kienx sodisfatt bis-servizz u talab li l-Kunsill ma jġeddidtx dan il-kuntratt. Is-Sur Joseph Buttigieg qal illi huwa kien ilu jilmenta li f' Misraħ tal-Madonna Medjatriċi kien hemm xi wħud li mhux joħorġu l-borża skont l-iskeda. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li din ma taqax taħt l-obbligi tal-*contracts manager*. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mill-Kaptan Patrick Barbara, il-Kunsill qabel unanimament li ma jġeddidtx dan il-kuntratt. Is-Sindku ppropona li l-Kunsill jingaġġa Uffiċjal Eżekuttiv *part time* (Skala 13) bħala *contracts manager* mal-Kunsill. Il-Kaptan Patrick Barbara issekonda l-proposta tas-

Sindku u l-Kunsill qabel unanimament li jingaġġa Uffiċjal Eżekuttiv *part time* (Skala 13) bħala *contracts manager* mal-Kunsill.

**601.9 Festa f'Ħaż-Żabbar**

601.9.1 Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mill-Kaptan Patrick Barbara, il-Kunsill qabel unanimament li joħroġ il-permessi għal twaqqif ta' xi posta jew kjosk u li l-applikazzjonijiet għal twaqqif jew tqegħid ta' gabbani jiġu milqugħa mid-19 t'Awwissu sal-24 t'Awwissu 2024. Is-Sindku qal illi l-Kunsill ma kienx ser jaċċetta permessi li jidħlu wara din id-data. Is-Sur Leone Sciberras esprima t-tħassib tiegħu dwar it-twaqqif ta' xi posta jew kjosk, partikolarment meta tiġi żgumbrata l-bankina u jaffettwaw individwi li jużaw siġġu bir-roti. Is-Sur Sciberras talab li fil-permess jitniżżel b'mod espliċitu li t-tqegħid ta' posti jew kjosks ma jostakolawx il-bankini sakemm ma jkunx hemm it-triq magħluqa. Is-Sur Sciberras żied jgħid li l-Kunsill m'għandu jagħti l-ebda konċessjoni biex it-tqegħid jostakolaw l-bankina. Is-Sindku qal illi kien hemm xi żewġ barijiet li normalment jostakolaw il-bankina matul il-ġranet tal-festa. Is-Sindku żied jgħid li kien ser jinforma lill-pulizija dwar dan u li kien ser jieħu nota sabiex dan ir-regolament jitniżżel fil-permess li jinħareġ mill-Kunsill Lokali.

601.9.2 Is-Sindku qal illi matul il-ġranet tal-festa kienu ser jinkrew *mobile toilets* u ser jitpoġġew f'postijiet differenti f'Ħaż-Żabbar. Is-Sindku żied jgħid li matul il-ġranet tal-festa il-latrini pubbliċi kienu ser jinżammu magħluqa sabiex ma jsirx vandaliżmu jew abbuż. Is-Sur Mark Grech qal illi l-Kunsill għandu jinforma lir-residenti dwar dan. Is-Sinjura Anna Calleja talbet li jitpoġġew *mobile toilets* fi Ġnien il-Kunsill. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-Kunsill kien ser jiddiskuti mal-kuntratturi sabiex jieħdu ħsieb it-tindif matul il-ġranet tal-festa.

**601.10 *Car Free Day* fl-ispazju miftuħ fl-ex Venda**

601.10.1 Is-Sindku ressaq suġġeriment li kien irċieva mingħand diversi residenti fejn issuġġerew li l-ex-venda fi Triq is-Santwarju u l-ispazju miftuħ fi Triq Ġuzeppi Pace jiġu trasformati f'żoni pedonali. Is-Sindku ppropona li dawn iż-żoni jingħalqu għall-vetturi nhar ta' Sibt mill-erbgħa ta' wara nofsinhar sas-siegħa ta' filgħodu, filwaqt li jinżamm traffiku regolari matul il-ħinijiet l-oħra, u li matul dawn il-ħinijiet, parkeġġ ta' vetturi m'għandux ikun permessi fil-pjazez. Is-Sindku enfasizza l-importanza li tingħata prijorità lill-benesseri tar-residenti billi jiġu rkuprati spazji miftuħa mill-karozzi. Din l-inizjattiva għandha l-għan li tipprovdi aktar żoni miftuħa għall-użu pubbliku. Is-Sindku enfasizza li l-espansjoni taż-żoni pedonali toħloq aktar spazju biex in-nies igawdu, tippromwovi s-saħħa mentali, fiżika, u emozzjonali. Is-Sindku qal illi din l-implimentazzjoni tista' twassal għal *network* permanenti ta' spazji soċjali, passaġġi sikuri u żoni ta' ċikliżmu għat-tfal. Barra minn hekk, jistgħu jiġu organizzati diversi attivitajiet u avvenimenti u tkellem dwar il-possibilità li jinkrew *bouncy castles* għat-tfal. Is-Sindku talab l-approvazzjoni tal-Kunsill biex tintbagħat talba formali lil Transport Malta sabiex dawn l-ispazji pubbliċi jiġu indikati bħala żoni pedonali kull nhar ta' Sibt filgħaxija mill-erbgħa ta' wara nofsinhar sas-siegħa ta' filgħodu, b'restrizzjoni għall-parkeġġ. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li f'każ li din it-talba tiġi milqgħuha, għandhom jiġu installati tabelli biex jinfurmaw lis-sewwieqa b'dawn il-bidliet. Is-Sur Leone Sciberras qal illi l-attivitajiet bil-liġi jridu jitwaqqfu

wara l-ħdax ta' filgħaxija. Is-Sindku qal illi mbilli l-attivitajiet jieqfu fil-11.00 ta' filgħaxija, ir-residenti xorta waħda jistgħu jibqgħu bilqiegħda fuq bank. Is-Sinjura Anna Calleja qajmet tħassib dwar l-ispejjeż finanzjarji f'każ li l-Kunsill jorganizza avvenimenti. Is-Sindku wieġeb li l-prijorità hija li jinkisbu l-permessi meħtieġa biex l-ex-venda fi Triq is-Santwarju u l-ispazju miftuħ fi Triq Ġużeppi Pace jiġu pedonali u mingħajr karozzi nhar ta' Sibt filgħaxija.

601.10.2 Fit-8.07 is-Sur Mark Grech talab li jiġi skużat mil-laqgħa.

601.10.3 Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sinjura Anna Calleja, il-Kunsill qabel unanimament li jitlob l-approvazzjoni ta' Transport Malta sabiex l-ex-venda fi Triq is-Santwarju u l-ispazju miftuħ fi Triq Ġużeppi Pace jiġu pedonali u mingħajr karozzi nhar ta' Sibt filgħaxija mill-erbgħa ta' wara nofsinhar sas-siegħa tal-għada filgħodu.

## 601.11 Applikazzjonijiet GAL XLOKK *LEADER Programme 2014 – 2020*

601.11.1 Fuq proposta tas-Sur Carlo Scicluna li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Agius, il-Kunsill qabel unanimament li s-Sindku jkun ir-rappreżentant tal-Kunsill matul il-laqgħat tal-GAL Xlokk.

601.11.2 Is-Sindku nforma lill-membri preżenti li permezz tal-GAL Xlokk il-Kunsill ibbenefika minn fondi tal-Unjoni Ewropeja u għamel diversi proġetti. Is-Sindku spjega li fil-preżent kien hemm żewġ Miżuri: Miżura 2 - *Strengthening a Healthy Cultural Identity* u Miżura 4 – *Development of Green Infrastructure.* Is-Sindku ssuġġerixxa li l-Kunsill japplika għaż-żewġ miżuri. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-applikazzjoni tinvolvi diversi xogħlijiet u minħabba li d-data ta' skadenza tal-applikazzjoni għaż-żewġ miżuri hija l-Ħamis 8 ta' Awwissu 2024 f'nofsinhar, kien ser ikun hemm wisq ftit ħin u kien impossibli li l-Kunsill ilaħħaq ilesti kollox sa din id-data. Is-Segretarju Eżekuttiv żiedet tgħid li l-Kunsill għadu ma ddeċidiex liema proġett ser iwettaq. Barra minnhekk, il-Kunsill irid l-ewwel jiddetermina l-proġett qabel ma jibda x-xogħol amministrattiv meħtieġ għall-applikazzjoni. Is-Sindku qal illi matul il-ġurnata ta' għada kien ser ikollu laqgħa ma' rappreżentanti tal-GAL Xlokk sabiex ikun jista' jiddiskuti dawn il-miżuri. Is-Segretarju Eżekuttiv informat lill-membri preżenti li l-proġett irid jiġi approvat mill-Kunsill qabel ma tiġi sottomessa l-applikazzjoni. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-Kunsill fil-preżent kien għadu mingħajr perit tal-Kunsill minħabba li l-perit kien għadu ma ġabx il-garanzija bankarja u għaldaqsant il-kuntratt għas-servizz ta' perit kien għadu mhux iffirmat. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sinjorina Martina Baldacchino, il-Kunsill qabel unanimament li jibdew id-diskussjoni ma' GAL Xlokk sabiex jiġu diskussi l-kriterji meħtieġa miż-żewġ miżuri. Is-Sindku qal illi kien ser isejjaħ laqgħa b'urġenza sabiex jiġi approvat il-proġett sabiex eventwalment tiġi sottomessa l-applikazzjoni.

## 601.12 Ittri Legali

601.12.1 Dan l-item ġie diskuss aktar kmieni waqt laqgħa.

**601.13 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

601.13.1 Is-Sur Joseph Buttigieg indirizza l-bżonn ta' *hatching lines* fi Triq tal-Labour. Is-Sindku qal illi Infrastruttura Malta ma implimentatx il-*hatching lines* wara li sar ix-xogħol ta' *resurfacing* minħabba li ma kienx hemm approvazzjoni ta' Transport Malta. Barra minn hekk, is-Sindku żied jgħid li ma saritx iż-*zebra crossing* li kien hemm maġenb il-ħanut tal-pastizzi għall-istess raġuni. Is-Sindku nforma lill-membri preżenti li l-Kunsill issottometta l-applikazzjonijiet meħtieġa għal dawn l-approvazzjonijiet lil Transport Malta, u bħalissa l-Kunsill qed jistenna r-risposta tagħhom.

601.13.2 Is-Sinjura Anna Calleja rreferiet għat-talba li kienet ressqet biex jinvellaw il-bankini fi Triq tal-Labour. Is-Segretarju Eżekuttiv informat lill-membri preżenti li l-manutenzjoni ta' dawn il-bankini taqa' taħt ir-responsabbiltà ta' Transport Malta minħabba li Triq tal-Labour hija triq arterjali. Is-Sindku żied jgħid li kien infurmat li dan ix-xogħol huwa skedat li jsir.

601.13.3 Is-Sinjura Anna Calleja talbet li jsir *netting* fil-qsari li hemm fi Triq tal-Labour minħabba li kien qed jintefa' l-iskart fihom. Is-Sindku qal illi dan mhux possibli li jsir u żied jgħid li kien ser jitlob l-għajnuna tal-*Cleansing Department* sabiex isir it-tindif meħtieġ.

601.13.4 Is-Sur Leone Sciberras rrefera għall-finanzjament – Komunitajiet Aktar b'Saħħithom u Inklussivi u qal illi kien ser iressaq xi proposti fil-laqgħa li jmiss. Is-Sindku talab lis-Sur Leone Sciberras iressaq il-proposti tiegħu sabiex ikun hemm aċċessibilità aħjar fil-lokalità u ma joqgħodx jistenna l-laqgħa li jmiss.

601.13.5 Is-Sur Joseph Agius nforma lill-Kunsill li kien qed isir parkeġġ ta' vetturi quddiem ir-rampa tal-persuni b' diżabilità fi Triq Felice u fi Triq is-Santwarju. Is-Sur Joseph Agius saħaq fuq il-bżonn li quddiem ir-rampi, l-art tinżebagħ bil-kliem *keep clear.*

601.13.6 Is-Sur Carlo Scicluna talab li tiġi estiża l-bankina ta' Triq San Leonardu fil-viċinanzi taċ-Ċimiterju Navali. Is-Sindku wieġeb li, la darba jkun ingaġġat il-perit tal-Kunsill, din il-proposta tintbagħatlu biex iwettaq ix-xogħol preparatorju. Sussegwentament tiġi sottomessa applikazzjoni għal permess ta' Transport Malta.

601.13.7 Is-Sur Carlo Scicluna talab li tiġi rranġata l-bankina fi Triq il-Kittien kantuniera ma' Triq Ġużeppi Pace minħabba li kien hemm r-rampa wieqfa.

601.13.8 Is-Sur Carlo Scicluna talab li jitneħħa l-parkeġġ tat-tarf ta' taħt it-tinda li hemm fi Triq Ġużeppi Pace u minflok isir bank. Is-Sur Scicluna semma l-bżonn li jsir bank għal ħafna anzjani residenti fl-inħawi. Is-Sindku spjega li taħt it-tinda ma setax isir bank għax naħa minnhom kien hemm il-bibien tal-meter tad-dawl u man-naħa l-oħra kien hemm kwistjonijiet ta' sigurtà f'każ li vettura titlef il-kontroll. Is-Sindku esprima wkoll tħassib li t-tneħħija ta' parkeġġ tista' toħloq skuntentizza fost ir-residenti. Is-Sur Joseph Agius issuġġerixxa li ssir konsultazzjoni mar-residenti dwar din il-materja. Is-Sindku rrakkomanda li tiġi osservata r-reazzjoni tar-residenti għall-inizjattiva taż-żona pedonali qabel ma jikkunsidra t-tneħħija ta' parkeġġ. Is-Sur Carlo Scicluna qal li r-residenti mhux igawdu bis-sħiħ il-ġnien li nħoloq fuq it-

tinda. Is-Sindku saħaq li s-suċċess tal-proġett m'għandux jiġi evalwat biss viżwalment iżda wkoll billi titqies it-titjib fil-kwalità tal-arja fiż-żona.

601.13.9 Is-Sur Carlo Scicluna qal illi wara li tlesta l-proġett fi Triq Ġużeppi Pace, fil-viċinanzi tal-ħanut tal-merċa, kif tagħmel bexxa xita kien qed iżomm l-ilma. Is-Sindku qal illi dan ix-xogħol huwa skedat li jsir.

601.13.10 Is-Sinjura Anna Calleja qalet li hija wkoll kienet talbet li jsir bank fil-viċinanzi ta' Ġesù Redentur fi Triq iċ-Ċimiterju. Is-Sindku qal illi kien ser isir xogħol ta' tisbiħ f'dik iż-żona.

601.13.11 Is-Sur Joseph Agius talab li jiġi rranġat sprall tal-ilma perikoluż fi Triq A Caligari.

601.13.12 Is-Sur Joseph Agius qal li l-lampi li kienu skonnettjati fi Triq San Leonardu kienu għadhom ma tneħħewx.

601.13.13 Is-Sur Joseph Agius qal li kien irċieva bosta ilmenti dwar il-kuntrattur responsabbli mill-qtugħ tal-ħaxix, fejn stqarr li x-xogħol ma kienx qed isir skont l-*istandards* meħtieġa. Is-Sur Joseph Agius qal li l-istess kwistjoni kienet osservata fuq Trejqet Wied ta' Mazza.

601.13.14 Is-Sur Joseph Agius staqsa f'hix wasal il-proġett ta' Misraħ San Nikola u staqsa jekk dan il-proġett hux ser jiġi mplimentat. Is-Sindku qal illi kien ser jagħti rendikont dwar din il-materja fil-laqgħa li jmiss.

601.13.15 Is-Sur Joseph Agius qal li l-arbli ornamentali li hemm fl-aħħar parti ta' Triq is-Santwarju kienu għadhom mhux jixgħelu. Is-Sindku qal illi t-tiswija neċessarja kienet kważi tlestiet.

601.13.16 Is-Sur Carlo Scicluna staqsa x'kien ser isir fl-isqaqien ta' Triq il-Biċċieni u rrapporta li xi residenti kienu oġġezzjonaw għat-twaħħil ta' arkati tal-ħadid mal-propjetajiet tagħhom. Is-Sindku spjega li kien hemm il-ħsieb li jsir proġett ambjentali bil-għan li jsaħħaħ it-tisbiħ tal-isqaqien fiż-żona tal-Biccieni. Jitwaħħlu arkati tal-ħadid u jitqiegħdu qsari, bi spiża finanzjarja stmata ta' madwar €10,000. Il-proġett huwa maħsub biex itejjeb il-kwalità ambjentali tal-lokalità. Is-Sindku qal li diġa ħa l-kejl u ppjana li jiltaqa' mar-residenti tal-isqaqien milquta. Is-Sindku semma wkoll li s-Sinjorina Martina Baldacchino kienet involuta fil-proġett. Barra minnhekk is-Sindku qal li kien se jitlob lir-residenti jiffirmaw f'każ li jaċċettaw li l-istrutturi tal-ħadid jeħlu mal-appoġġ tagħhom. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sinjorina Martina Baldacchino, il-Kunsill unanimament qabel li jikkonsulta mar-residenti u wara jipproċedi bl-installazzjoni tal-arkati tal-ħadid u l-qsari, u li l-ispiża totali ma taqbiżx l-€10,000.

**601.14 Mozzjonijiet; u**

601.14.1 Ma kienx hemm mozzjonijiet bil-miktub.

**601.15 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss;**

601.15.1 Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sinjorina Toshera Schembri, il-Kunsill qabel unanimament li l-laqgħa li jmiss issir nhar l-Erbgħa 21 t'Awwissu, 2024 fis-6.00 ta' filgħaxija.

601.15.2 Il-laqgħa spiċċat fit-8.44 ta' filgħaxija.

IFFIRMATA

Stephanie Testaferrata de Noto
Segretarju Eżekuttiv

Dawn il-minuti ġew approvati fis-602 laqgħa li saret nhar l-Erbgħa 21 t'Awwissu, 2024.

IFFIRMATA

Jorge Grech
Sindku